Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 19/2005

**Mazen Dadouch cittadin Malti**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Mejju, 2005, il-Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Notarili ippronunzjat s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MAZEN DADOUCH fuq imsemmi;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubblikuipprezentata fis-17 ta' Marzu 2005;

Rat il-passaport Malti ta' l-istess Dadouch li jgib in-numru 679372 mahrug f' Valletta fis-sittax (16) ta' Ottubru, 2002;

Rat ic-Certifikat originali taz-zwieg ta’ l-istess Dadouch ma’ SMOLYAKOVA ALEXANDROVNA iccelebrat f’ Moska ir-Russja, fil-25 ta’ Settembru 2003 kif ukoll traduzzjoni ta’ l-istess certifikat mir-Russu ghal-lingwa Ingliza, awtentikata mill-Avukat Joseph Brincat.

Rat l-Artikoli 253 (1) u 244 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tipprovdi ghal dan ir-Rikors billi TISSOLLECITA lid-Direttur tar-Registru Pubbliku in vista tal-fatti fuq esposti li jikkunsidra favorevolment it-talba ta’ MAZEN DADOUCH ghar-Registrazzjoni taz-zwieg tieghu ma’ SMOLYAKOVA NATALIYA ALEXANDROVNA celebrat f’ Moska, ir-Russja, fit-30 ta’ Lulju 2003, salv li l-istess rikkorrenti jaghmel a disposizzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kopja originali ta’ l-istess Att taz-Zwieg u traduzzjoni ta’ l-istess certifikat mil-lingwa Russa ghal dik Ingliza awtentitkata mill-Avukat Joseph Brincat.”

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku appella kontra l-provvediment moghti mill-Qorti ta’ Revizjoni ta’ l-Atti Notarili b’ dawn l-aggravji:-

(1) La hu qatt ma rrifjuta li jirregistra d-dokument kif mitlub mill-appellat, il-Qorti adita ma kienetx hekk kompetenti biex tiddeciedi fuq it-talba ta’ l-appellat;

(2) La qatt ma saret talba lilu l-azzjoni proposta mill-appellat quddiem l-istess Qorti adita kienet intempestiva;

(3) Fil-meritu, ma kien hemm ebda bazi fil-ligi sabiex il-Qorti tissollecitah li jikkonsidra favorevolment it-talba ta’ l-appellat. F’ dan il-kuntest l-appellanti jissolleva kwestjoni ta’ l-awtenticita` ta’ dokument esteru u tat-traduzzjoni tieghu;

Fil-kors tad-dibattitu orali quddiem din il-Qorti saret diskussjoni mill-kontendenti dwar jekk passaport jaghmelx prova ta' cittadinanza. Hekk mentri l-appellat insista li in kwantu mahrug minn awtorita` pubblika l-passaport kien iservi ghal dan l-iskop, l-appellat baqa' jinsisti, anke permezz ta' Nota, illi l-ahjar prova tac-cittadinanza kellu jkun id-dokument mahrug mid-Dipartiment tac-Cittadinanza, u xejn anqas minn dan;

Premessi s-suesposti aggravji u l-aspett incidentali appena accennat, din il-Qorti tkun qed tonqos jekk ma tirregistrax id-dubju taghha dwar kemm seta' l-appellat proceduralment jadixxi l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' Revizjoni ta' l-Atti Notarili ghal fini tat-talba tieghu biex dik il-Qorti tordna lill-appellanti li jirregistra l-att taz-zwieg. Dan ghal motiv li sa fejn jirrizulta lil din il-Qorti, f' kaz li d-Direttur jidhrilu li l-att intiz ghar-registrazzjoni ma huwiex regolari, hu l-istess Direttur li ghandu jgib dak l-att ghall-attenzjoni ta' wiehed mill-Vizitaturi ta' l-atti nutarili. Dan skond it-termini tas-subincizi (1) u (2) ta' l-Artikolu 242 tal-Kapitolu 16 kombinati flimkien. Naturalment, dan rilevat hu apparti mid-diverbju sort bejn il-kontendenti dwar jekk verament saretx talba formali lid-Direttur ghal skop ta' registrazzjoni, billi anke fuq dan, il-qaghda hi ghal kollox incerta;

Sempliciment bl-iskop li din il-Qorti ma tibqax ankrata ma' dan l-iskoll ta' l-incertezza jew tad-dubju procedurali, li del resto ma tqajjimx mill-appellanti, hlief, forsi biex isostni l-allegata intempestivita tat-talba - aspett dan li dwaru jkollu jinghad li tezisti certa kazistika li tirritjeni li mhux kontra l-ligi li wiehed jitlob konstatazzjoni ta' jedd tieghu qabel ma dan jimmatura, basta a spejjez tieghu. Ara **Kollez. Vol. X p 828** u **Vol. XLIV P I p 440** - jinhass opportun, fic-cirkostanzi, illi l-Qorti tghaddi 'l quddiem biex tikkonsidra l-qalba centrali tal-kwestjoni fl-ambitu tad-disposizzjonijiet sostanzjali li japplikaw ghal meritu;

Hu provvdut mill-Artikolu 244 tal-Kodici Civili illi "kull att ta' twelid, ta' zwieg jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta, maghmul jew registrat f' pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f' dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skond is-subartikolu (1) jew is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 270, jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f' dawn il-Gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f' dan it-Titolu";

Jitnissel minn dan il-provvediment illi z-zewg elementi essenzjali tieghu huma (a) li l-att maghmul minn awtorita` kompetenti fl-esteru irid ikun jinvolvi cittadin ta' Malta u (b) li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jrid ikun sodisfatt mill-awtenticita` tieghu;

Dwar l-ewwel element, l-appellat, sostnut mill-Vizitatur tal-Qorti adita, jistrieh ghal kollox fuq il-prova li jaghmel il-passaport tieghu. Ma' dan l-appellanti ma jaqbelx u, anzi, jinsisti li ghalih l-ahjar prova hi dik tad-dokument emess mid-Dipartiment tac-Cittadinanza. Innegabilment, anke minhabba d-delikatezza tal-materja, trattasi ta' stat ta' zwieg ta' persuna, wiehed ghandu b' necessita` jipprocedi b' gudizzju;

Jibda biex jigi osservat illi ma jista' qatt ikun kontrovers illi passaport hu dokument pubbliku u l-ufficcjal pubbliku li emettih certament ghandu l-kapacita` li jkun fonti ta' produzzjoni ta' certezza pubblika. In kwantu tali, dan id-dokument jaghti fidi lill-fatt tal-kontenut tieghu; f' dan il-kaz li l-appellat ghandu Cittadinanza Maltija. Ghall-appellanti pero` dan ma kienx jibbasta biex jaghti assikurazzjoni li d-dikjarazzjonijiet fih kontenuti jirrispondi ghall-prova tac-certezza tac-cittadinanza billi dak il-passaport seta' nhareg ghall-skopijiet xort' ohra minn dawk servjenti bhala certifikazzjoni ta' cittadinanza. Kif taraha din il-Qorti wiehed ma jistax jitragga b' mod konklussiv u inekwivokabbli l-prova tac-cittadinanza mill-passaport biss

imma kien jehtieg, ghal skop ta’ konvinciment, il-prova suppletiva ta’ l-att tac-cittadinanza mil-ufficcjal pubbliku b’ funzjoni prevalenti ta’ dokumentazzjoni ta’ din ix-xorta. Jekk xejn, ghax tali prova ghandha effikacja probatorja ta’ attestazzjoni kompleta. Jekk mill-ottika ta’ l-appellat wiehed ma jistax jifhem l-insistenza ta’ l-appellant ghal din il-prova oltre l-passaport, minn naha l-ohra, konsiderata l-kwestjoni mill-perspettiva ta’ l-appellant, wiehed lanqas ma jista’ ragonevolment japprezza r-rezistenza ta’ l-appellat biex jipproduci dik il-prova rikjesta minnu. Din forsi kienet taghmel sens f’ kaz ta’ distruzzjoni jew telf tar-registri ta’ l-atti tac-cittadinanza jew inezistenza tar-registrazzjoni relattiv, imma la dan ma huwiex il-kaz din il-Qorti difficilment tista’ ssib raguni fir-rezistenza da parti ta’ l-appellat ghall-produzzjoni tac-certifikat relattiv mitlub;

Komplimentari ma’ dan hemm il-fatt li fl-ezercizzju tal-gurisdizzjoni tieghu l-appellanti ghandu diskrezzjoni u la hu deherlu li l-passaport ma kienx bizzejjed biex tigi stabbilita jew ikkontrollata l-prova tac-cittadinanza, u din il-Qorti ma ssibx li dik id-diskrezzjoni, ghalkemm soggettiva, giet malament ezercitata, ma jistax ragonevolment jinghad fuq din il-kwestjoni illi l-atteggjament assunt mill-appellant kien wiehed irragonevoli jew zbaljat;

Il-precitat Artikolu 244 jirrelata wkoll dik l-istess diskrezzjoni ma’ l-aspett ta’ awtenticita` tad-dokumenti. Issa l-awtenticita` ta’ dokument, li minnha tiddependi l-effikacja probatorja li l-ligi tirrikonoxxi lid-dokument, tezisti f’ dawk l-ipotesijiet mill-istess ligi stabbiliti. Senjatament l-Artikoli 627, 628 u 629 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dawn jelenkaw kategoriji ta’ dokumenti jew li ma hemmx bzonn li tigi provata l-awtenticita` taghhom (Artikoli 627 u 628) jew li ghandhom bzonn li jkunu awtentikati (Artikolu 629). Dawn huma kollha ammissibbli u ghalhekk producibbli bhala provi, anke jekk ikunu kopji (Artikolu 636). Hi pero` haga ohra l-valur probatorju taghhom. Ara “**Il-Perit Arkitett Emanuel Zammit *nomine* -vs- Nazzareno Fenech**”, Appell, 14 ta’ Ottubru 1992;

Fil-kaz in ezami l-appellanti jissottometti illi d-dokument ta' l-att taz-zwieg redatt fir-Russja u t-traduzzjoni ta' l-istess ma jaghmlux prova awtenitka sufficcjenti. Wiehed jifhem li dak li ried ifisser l-appellanti hu dak li, gjaladarba dak id-dokument ma kienx awtentikat mir-rapprezentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern Malti fil-pajjiz li hargu u dik l-awtenticita` tieghu ma gietx provata xort' ohra, hlief bis-semplici firma fuqu u fuq it-traduzzjoni tieghu ta' l-Avukat Joe Brincat, allura dak id-dokument u traduzzjoni ma setghux jikkonfiguraw bhala ekwipollenti ghar-rikonoxximent. Bhala element tal-fattispeci kostitutiv tal-vinkolu li taghmel il-prova dokumentali ma jidherx li din il-Qorti tista' tissindika d-diskrezzjoni ta' l-appellanti li ma jqisx dawk l-istess dokumenti provvduti mill-appellat sodisfacenti ghalih. Dan fis-sens li ghandhom jittiehdu bhala li qed jipprovaw dak li jikkontjenu jew li jipprovaw li dak li jikkontjenu huwa wkoll xhieda tal-fatti fihom registrati. *Multo magis*, imbaghad, meta dawk id-dokumenti ma jkunux saru fil-presenza tieghu jew kompjuti mill-ufficcjali inkarigati skond il-Kodici Civili;

In vista tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula hi l-ferma konvinzjoni ta' din il-Qorti illi ghandha tiddiskosta ruhha mill-provvediment moghti mill-Qorti ta' Revizjoni ta' l-Att Nutarili.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk thassar u tirrevoka l-provvediment moghti mill-Qorti ta' Revizjoni ta' l-Atti Nutarili fil-31 ta' Mejju 2005. Fic-cirkostanzi l-ispejjez gudizzjarji ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------